MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 385/1996/1

**Louis Mifsud**

**Vs**

**Carol Attard**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tigi kundannata li thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti in linea ta' danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu J-7143 naxxenti minn incident awtomobilistiku li okkorra fis-26 ta' Dicembru 1995 fi Triq San Guzepp, Hamrun, liema ncident okkorra minhabba htija esklussiva tal-konvenuta meta kienet qeda isuq il-vettura B-8857 b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjez. Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni. Ghall-fini ta’ kompetenza jigi dikjarat li l-valur mertu tal-kawza ma jeccedix il-mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta ( a fol 9 tal-process) li biha eccepiet, bir-rispett:

1. L-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjenti izda gara unikament tort tal-attur innifsu.
2. Ghalhekk ma hemmx danni x’jigu likwidati favur tieghu.
3. Daqstant l-eccipjenti m’ghandhiex tkun kundannata thallas danni lill-attur.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi dan l-incident gara fi Triq San Gusepp (St Joseph High Road) maghrufa wkoll bhala Strada Rjali, faccata ta’ triq laterali bl-isem ta’ Triq Schembri (ara fol 35 tal-atti ossija l-iskizz esebit in atti minn PS 1361 Raymond Busuttil). Fl-istess incident kien hemm involuti zewg karozzi, dik misjuqa mill-konvenuta tal-marka Fiat 132” numru B 8857 u dik misjuqa mill-attur tal-marka Renault numru J 7143.

Ikkunsidrat.

Illi in rigward id-dinamika ta’ dan l-incident xehdu s-segwenti :-

a. <u>Rose Mifsud</u> (fol 21 tal-atti) mart l-attur u li kienet fl-istess kaorzza misjuqa minn zewgha qalet li kienu gejjin mid-direzzjoni tal-Belt Valletta u kif waslu vicin l-imsemmija Triq Schembri, zewgha <u>xeghel l-‘indicator’</u> sabiex juri li kien ser jdur lejn il-lemin u jidhol fl-istess Triq li semmiet waqt li kienu <u>weqfin</u> sabiex jghaddi t-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta, minn <u>warajhom</u> giet il-karozza misjuqa mill-konvenuta u ghaddiet <u>fuq in –naha</u>

ta' gewwa (fuq ix-xellug) tal-karozza misjuqa minn zewgha.

Hawnhekk fi kliemha stess, il-konvenuta "tajritilna bicca, habtet maghna u baqghet ghaddejja" skond l-istess xhud, il-karozza misjuqa mill-konvenuta "… minn hdejna kienet telghet minn fuq il-bankina". Hi semmiet ukoll, pero' li ma kienetx certa dwar dan, u li zewgha kien qed jistenna wieqaf sabiex tghaddi karozza ohra hierga mill-imsemmija Triq Schembri.

b) L-istess attur Louis Mifsud (fol 23 et seq ibid) ikkonferma li hu kien ser jdur lejn il-lemin bl-'indicator mixghul' u ghalhekk kien qed josserva it-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, waqt li kien cert li, fl-ebda hin, ma kien biddel l-intenzjoni tieghu li jidhol fi Triq Schembri u minflok jsuq fid-direzzjoni tal-Knisja ta' San Gejtanu. L-attur spjega ulterjorment li wara li saret il-habta minhabba il-qata hu saq 'bil-ftit hafna' lejn in-naha ta' gewwa u b'hekk, avolja kien waqaf mill-ewwel, il-karozza misjuqa minnu "giet angolata l-gewwa lejn il-bankina".

c) Dennis Agius (fol 18 u 40 tal-atti) li "naf lill-attur", ma kienx ra l-incident isehh. Pero seta' jghid illi "Jekk ma huwiex sejjer zball, kien hemm l-indicator tan-naha tal-lemin tas-Sur Mifsud li kien qed jindika li kien ser jikser ghal fuq il-lemin tieghu". Inoltre xehed ukoll li fuq in-naha tax-xellug tal-karozza misjuqa mill-attur "ma kienx hemm biex tghaddi minn naha ta' gewwa.

Meta gie riprodott in kontro esami, dan ix-xhud specifika li martu u mart l-attur kienu ahwa. Noltre meta saret il-habta, wiehed mit-tfal tieghu kien jinsab fuq il-karozza misjuqa mill-attur.

d) Is-Surgent tal-Pulizija 1361 Raymond Busuttil (fol 31 u 48 tal-atti) oltre li esebixxa l-iskizz u kopja tar-rapport a fol 34 u 35 tal-atti, spjega li l-iskizz imsemmi li jinsab a fol 35 hu dak korrett. Sussegwentement esebixxa in atti l-iskizz originali bin-notamenti tieghu u indika fejn kien sbaljat l-iskizz originali maghmul minnu u cirkolat lill-partijiet involuti.

e) Il-konvenuta (fol 56 et seq tal-atti) spjegat li, waqt li tiela t-triq in kwistjoni sejra fid-direzzjoni tal-Hamrun, hi kienet rat li, quddiemha, kien hemm karozza wieqfa u bl-‘indicator’ mixghul lejn il-lemin. Ghalhekk, fi kliemha stess, “Jiena tfajt fuq in-naha ta’ gewwa peress li t-triq hi wiesa’ bizzejjed u dan sabiex nghaddi’ bejn il-karozza wieqfa u l-bankina. Pero, kif waslet esattament mal-karozza wieqfa, din kisret lejn in-naha ta’ gewwa fid-direzzjoni taghha u bhala konsegwenza tad-daqqa, l-karozza misjuqa minnha telghet fuq il-bankina . Fl-istess xhieda, hi spejgat li l-iskizz esebit a fol 53 u markat Dok RB2 kien dak korrett.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi in esami, jidher li:

a) Il-konvenuta ghamlet manuvra altament u previdibbilment riskjuza billi ghamlet tentattiv sabiex tissorpassa karozza ohra anke jekk wieqfa, fuq in-naha tax-xellug ta’ din. Dwar dan, il-Qorti ghanda dubbju gravi dwar jekk il-konvenuta setghet tesegwixxi l-istess manuvra minghajr ma tolqot il-vettura misjuqa mill-attur, tenut kont li kif jidher mill-istess skizz imsemmi l-istess manuvra kellha tigi esegwita fl-ispazju bejn vettura u l-bankina ossija fi spazju pjuttost ristrett. Dwar dan kien jkun prudenti li l-konvenuta tieqaf wara l-vettura misjuqa mill-attur u tistenna sabiex dan jdur lejn il-lemin tieghu, kif kien jindika b’mod car, l-‘indicator’ mixghul.
b) Dwar dak li allegat il-konvenuta kif hawn fuq riportat, ma ingiebet ebda prova indipendenti u oggettva li effettivament l-attur ghamel dak li allegat l-istess konvenuta.

Illi, ghalhekk, il-konvenuta ghandha tigi kunsiderata bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba traskuragni fis-sewqan da parti taghha, kif hawn fuq spjegat.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-likwidazzjoni tad-danni ghandha ssir referenza a fol 16, 17, 23 u 24 tal-atti in vista tal-fatt li l-attur ma ghamilx ir-riparazzjonijiet relattivi izda saret stima biss tal-istess hsarat ammontanti ghal Lm170.20,0, liema ammont ma giex kontestat b'xi prova kontrarja.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta;
2. tillikwida l-ammont totali ta' danni fis-somma ta' Lm170.20,0 u;
3. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm170.20,0 bl-imghax legali mill-15 ta' Mejju 1996 u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------